Minuti tal-75 (ħamsa u sebgħin) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ġimgħa 28 ta' Diċembru 2012 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet fil-5.45p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Kunsilliera: Is-Sur Lorry Apap
Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv: is-Sur Louis Stefan Magrin

Is-Sur Anthony Borg talab jkun skużat minħabba raġunijiet personali relatati ma mard.

## 1. Talba

1.1 Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Bdiet b'talba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-Minuti taż-żewġ laqgħat preċedenti ma humiex lesti u għalhekk ma hemmx Minuti għal-approvazzjoni.

## 3. Korrispondenza

### 3.1 Memos

3.1.1 Memo 55/2012: Tikkonċerna emendi fl-applikazzjonijiet tad-dawl fit-toroq. Anness mal-Memo intbagħtu tlett formoli tal-applikazzjonijiet li huma l-*PSL, STL* u l-*SSL*. Dawn ser jiġbru fihom ħsarat, ilmenti, proposti għal-lampi ġodda kif ukoll ċaqliq ta' lampa fl-istess triq.

3.1.2 Memo 56/2012: Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali nieda proġett pilota biex flimkien mal-Kunsilli Lokali jikkonvertu kaxxi tat-*telephones* li ma għadhomx jintużaw f'libreriji żgħar. Dan il-proġett qed jissejjaħ *Book Box*.

3.1.3 Memo 57/2012: Tittratta l-immaniġġjar tal-iskart fil-Lokalitajiet. Il-Kunsilli Lokali qed jiġu infurmati li l-iskart goff li jinġabar mil-Lokalitajiet naqas u importanti li l-Kunsilli jaraw li k-kuntrattur li qed


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

jiġbor l-iskart qed jagħmel użu biss miċ-ċentri awtorizzati skond kif tesiġi l-liġi.

3.1.4 Memo 58/2012: Tirrilata ma talbiet mill-Kunsilli Lokali għal self mill-Banek. Il-Kunsill Lokali ma jista jitlob ebda *sanction letter* mill-bank qabel ma dan ikun ġab l-awtorizzazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill Lokali irid ukoll jorbot minnufih dak l-amnmont li jkun dovut fuq is-self, inkluż l-interessi.

3.1.5 Memo 59/2012: Tittratta l-proċedura ta' l-għeluq tas-sena finanzjarja 2012. Dan biex jiġi żgurat li l-Kunsilli jkollhom gwida ma xiex imexxu kif ukoll biex il-proċess meħtieġ isir fi żmien stipulat.

3.1.6 Memo 60/2012: Tikkonċerna allegati abbużi f'Lokalitajiet varji fuq id-dwal tat-toroq fejn l-Enemalta qeda issib apparat u lampi imqabbda mas-sistema tad-distribuzzjoni minhajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa. Ser tidħol fis-seħħ proċedura fejn l-Enemalta tagħmel *disconnection*, jinfurmaw lill-Pulizija u lill-Kunsill biex jittieħdu l-passi neċessarji. Jekk l-apparat ma jinqalax fi żmien ġimgħa, dan ser tagħmlu l-Enemalta u tibgħat l-kont lill-Kunsill u iżżomm lis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv responsabbli għal kull azzjoni legali li tittieħed.

## 3.2 <u>Korrispondenza</u>

3.2.1 Ms Francesca Saliba, studenta mil-Universita` ta' Malta u li tifforma parti min għaqda mhux Governattiva bl'isem ta' *Greenhouse Malta* qegħda tistaqsi jekk il-Kunsill jaqbilx li annimali għandhomx ikunu miżmuma fiċ-Ċirku u jekk jaqbilx li iċ-Ċirku itellax wirjiet fil-Lokalita`. Il-Kunsill ma kellhux kummenti x'jagħmel.

3.2.2 L-*Association for Abandoned Animals*, Ms Marilyn Gatt, Dr Melanie Cassar Darmanin, Rita Portelli (Kunsilliera San Ġiljan) u Rosalind Agius qed jitolbu spjegazzjoni mill-Kunsill fuq liema bażi twaħħlet tabella fi Triq l-Isptar San Ġiljan biex qtates ma jiġux mitmuha meta dawn iżommu l-post nadif mill-ġrieden. Kien hemm ukoll min talab biex minflok ma jiġux mitmuha l-qtates titwaħħal tabella biex in-nies ma jixtħux ikel fl-art iżda jixtħuħ f'kontenituri. Il-Kunsill staqsa jekk hemmx xi ksur ta' liġi billi saret din it-tabella

3.2.3 Il-Kunsill talab lill-GreenMT testendi s-servizz sa l-aħħar ta' Jannar peress li għada ma ittieħdet l-ebda deċiżżjoni mill-Kunsill dwar l-iffirmar tal-kuntratt għal ġbir ta' l-iskart separat.
Is-Sindku qal li intalbu l-kundizzjonijiet tal-Kumpanija Greenpak ħalli l-Kunsill jara xi tkun l-aħjar għażla iżda sa issa jirriżulta li dawn għadhom ma bagħtu xejn.

3.2.4 Saret stedina lis-Sindku rigward seminar li ġie organizzat mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilta` dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilita` f'Għawdex.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.5 Ittra mingħand l-Hon. Dr Chris Said rigward l-importanza ta' inklużżjoni ta' persuni b'diżabilta` fis-soċjeta` tagħna, kif ukoll il-Kooperattiva ME2 li hija magħmula min dawn n-nies kienet suċċess.

3.2.6 Il-Kunsill irċieva santa mingħand Cini's Bakery bħala tifkira taż-żewġ vittmi tal-kamra tan-nar li kienu min din l-Lokalita'. Dawn huma l-mibkija George Gatt u Ġużepp Cini.

3.2.7 Intbagħtet ittra lill-Hon. Ministru għal-Għawdex dwar it-tkissir ta' mini li instabu waqt li kien qed isir it-*trenching* biex jitpoġġew l-blokki u tieħu azzjoni fejn hemm bżonn. Il-Ministru wieġbet il-Kunsill li ser tara il-każ u tieħu l-passi meħtieġa.

Is-Sindku irrimarka l-fatt li l-kuntrattur diġa kiser waħda mill-kundizzjonijiet imniżla fil-permess, dik li l-porfidu ta' quddiem l-Għajn il-Kbira u l-Għajn ta' Bendu ma jitkissirx. Għal dan il-Kunsill ġie imwiegħed li ser jiġi notifikat b'ittra li dan ser jerġa jitranġa għal kif kien qabel ma ġie maqlugħ.

Is-Sindku qal ukoll li meta tkisser il-passaġġ ta' taħt l-art li min ħdejn id-dar 'Qalb ta' Ġesu' fi pjazza l-Għejun kien jaqsam għal Triq Wied Siekel, hu ġie żgurat mill-Perit li ser tittieħed il-prekawzjoni meħtieġa biex ma jkunx hemm tkissir. Ġiet infurmata l-MEPA b'dan iżda l-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta`. Iżda irriżulta li ġara bil-maqlub meta l-kuntrattur baqa għaddej bit-*trenching* min ġo nofs mina oħra li min Triq Wied Siekel taqsam Triq il-Għajn u li fil-qiegħ tagħha hemm kanal tal-ilma antik li kien iwassal l-ilma għal-Għajn il-Kbira. Għalhekk ħass il-ħtieġa li tiġi infurmata s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Din ħadet azzjoni mill-ewwel u l-għada li kienet infurmata bil-każ ġiet tagħmel spezzjoni fuq il-post fejn ġew mogħtija d-direzzjonijiet lill-Perit kif il-kuntrattur għandu jkompli bix-xogħolijiet u jiġu ikkonservati il-mini. Il-Kunsill ġie imwiegħed mill-Perit li dan ser isir min fondi tal-Ministeru u kif ukoll jiġi imnaddaf terrapien li qed jinblokka il-passaġġ tal-ilma. Dawn il-wegħdi saru mill-Perit Angelo Portelli li hu responsabbli mill-proġett tal-bini tat-triq, kif ukoll mid-Direttur Ġenerali fil-Ministeru għal-Għawdex Ms Rita Cutajar. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef ippropona biex tinbagħat ittra lill-Ministeru għal-Għawdex b'dawn il-wegħdi.

Qal ukoll li ittieħdet l-opportunita` biex wieħed jinżel u jara x'verament hemm fil-mini għalhekk niżlu s-Sindku, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiem is-Sur Joe Mercieca. Instab li hemm żewġ mini u li dawn jinfdu għal xulxin b'kanali tal-franka fin-nofs fl-art. Dawn il-kanali jaqbdu wieħed ġo l-ieħor li minnhom jgħaddi l-ilma. Is-sors tal-ilma jidher li huwa ġej min taħt Wied Siekel. Jidher ukoll li f'waħda mill-mini hemm bokka għal fuq, li probabli`tiżbokka f' Wied Siekel il-parti li hemm bil-konkos. F'dan ir-rigward is-Sindku ippropona li tittaqqab toqba irqieqa min taħt ħalli wieħed jara eżattament fejn din il-bokka tagħti u jekk inhu minnu li din tagħti għal Wied Siekel, hemmek


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

tkun tista issir tappiera biex jekk xi darba jinqala l-bżonn, wieħed ikun jista jinżel. Il-Kunsill qabel.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li meta dak inhar kienu fuq il-post issemma l-fatt li parti mill-ilma li sejjer għal ġol-ġibjun mill-Għajn ta' Bendu qed jintilef peress li dan il-kanal partikulari jidher li huwa imkisser. Għalhekk is-Sindku ippropona ukoll biex issir sistema ġdida kif hemm ix-xogħolijiet għaddejja biex mill-Għajn ta' Bendu l-ilma jasal għal ġol-ġibjun minhajr telf. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku qal ukoll li ser isir *culvert* quddiem it-taraġ li hemm man-naħħa tal-Għajn ta' Bendu biex meta tagħmel ix-xita ma tibqax issir aktar ħsara lir-raba`.

3.2.8 Il-Kunsill bagħat e-mail lil Perit John Saliba li hu responsabbli mill-bini tal-bankina biex tiġi irranġata ċ-ċinta tan-nofs kif kien ġie maqbul fil-laqgħa tal-Kunsill li saret fl-aħħar ta' Novembru. Il-Perit irrisponda billi qal li kien diġa` informa lill-kuntrattur Said Construction Ltd li għamel ix-xogħol biex din tiġi irranġata.

Is-Sindku qal li wara li x-xogħlijiet ġew iċċertifikati mill-Perit sar il-ħlas dovut lill-kuntrattur biex il-Kunsill ikun jista jitlob rifużjoni ta' l-ispiża peress li dan il-proġett jaqa` taħt l-iskema ta' Miżuri ta' Aċċessibilta` Aħjar. Il-Kunsill qabel mad-deċiżżjoni għax li kieku kien hemm ir-riskju li l-Kunsill kien ser jitlef il-flus imwiegħda taħt din l-iskema peress li l-ħlas sar fl-aħħar ġurnata tal-iskema.

Ġie deċiż ukoll li l-ammont dovut lill-Perit jitħallas biss meta ċ-ċinta tkun ġiet irranġata għas-sodisfazzjon tal-Kunsill peress illi jidher li l-kuntrattur huwa xettiku milli jagħmel kif ġie mitlub mill-perit fuq talba tal-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll illi f'każ li l-kuntrattur mhux lest jirranġa ċ-ċinta, il-Perit għandu jagħmel rapport lill-Kunsill ħalli imbagħad ikunu jistgħu jittieħdu l-passi neċessarji.

Is-Sindku qal ukoll li l-istess Kuntrattur tħallas tal-bini tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku u li min dan l-ammont ġew inmaqsa il-€210 li kienu tħallsu lill-kuntrattur ieħor ta' tqattieħ li ma għamilx il-kuntrattur inkarigat mix-xogħolijiet, kif kien approvat mill-Kunsill.

3.2.9 E-mail mingħand s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex rigward is-26 laqgħa tar-Reġjun li saret nhar il-Ġimgħa 14 ta' Diċembru 2012.

3.2.10 Sar Seminar it-Tiġrija Palazz min *Transport Malta* rigward sistema online ġdida ta' kif wieħed japplika għal numru ta' servizzi. Attenda l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

3.2.11 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn qed jingħad li r-responsabilta` tad-dwal ta' Triq il-Għajn taqgħa taħt l-Enemalta. Għal dan is-Sindku qal li minn meta saru l-fanali, din it-triq ġiet devoluta lill-Kunsill.

3.2.12 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali peress li s-sena d-dieħla fl-20 u l-21 ta' Frar, il-Kunsill ta' Dublin ser ikun qed jospita' it-tmien Forum ta' l-allejanza tal-Ibliet kotra l-poverta`.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

### 3.3 Ilmenti

3.3.1 Il-Kunsill ma irċieva l-ebda ilment.

## 4. Għoti tal-Offerti

4.1 Kwotazzjoni Numru 05/2012: *Provvista u konsenja ta' erba' (4) fanali dekorattiviti għal Triq il-Għajn, Trejqet Grezzja Grima u Triq Għar Gerduf, il-Fontana.* L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li kienet inxteħtet kwotazzjoni waħda, dik ta' Richard Cauchi għall-prezz ta' €1,125għal kull fanal.

Is-Sindku qal li fi żmien ta' anqas minn sena l-prezz ta' dawn il-fanali jidher li reġa` għola konsiderevolment. Il-Kunsillier is-Sur Lorry Apap offra li jipprova jinnegozja l-prezz biex forsi l-Kunsill jeħodhom b'irħas. Għalhekk sar kuntatt telefoniku mas-Sur Cauchi biex jekk hu possibli jiġi l-Kunsill dak il-ħin u l-materja tiġi risolta fil-preżenta tal-Kunsilliera. Huwa aċċetta li jiġi l-Kunsill dak il-ħin stess. Wara li ġiet diskussa l-kwistjoni tal-prezz, li l-Kunsill jistax jeħodhom b'irħas min dak offrut, sar qbil li fi żmien xahar is-Sur Cauchi jinforma l-Kunsill bil-miktub x'deċiżżjoni jkun ħa peress dan jiddependi minn dak li ser toffri l-fabrika fejn isiru. Dan għaliex huwa bħala importatur ta' dawn il-fanali kull ma jagħmel iżid il-*mark-up* fuq il-prezz li bih tagħtħihomlu l-fabrika uf'dan l'istadju jekk inaqqas mill-prezz ikun qed inaqqas mill-qliegħ tiegħu. Il-Kunsill kien qabel li f'każ li ma jinżilx fil-prezz xorta waħda jinxtraw 4 fanali kif kien maħsub.

4.2 Kwotazzjoni Numru 06/2012: *Provvista u installazzjoni ta' żewġ (2) bibien tal-garaxxijiet magħmula mill-injam – Fażi 3 taċ-Ċentru Ċiviku tal-Fontana.* L-Aġent Segretarju informa lill-Membri tal-Kunsill li kienu inxteħtu 4 kwotazzjonijiet: Peter Paul Attard (€2,200); Victor Said (€2,570); Paul Zammit (€2,970); Joseph Attard (€3,200). L-irħas kwotazzjoni kienet dik tas-Sur Peter Paul Attard għall-prezz ta' €2,200 filwaqt li dan qed jgħid ukoll li huwa *VAT exempt*. Meta l-kwotazzjonijiet ġew evalwati mil-lat ta' dettalji, irriżulta li t-tieni l-irħas kwotant kien qed jindika d-dettalji kollha mixtieqa, filwaqt li dak ta' l-ewwel ma kienx. Għalhekk il-Kunsill qabel li jsir kuntatt telefoniku mas-Sur Peter Paul Attard li f'dan il-każ huwa l-irħas kwotant biex jagħti aktar dettalji bħalma kien qed jagħmel is-Sur Victor Said fil-kwotazzjoni tiegħu.

Wara konverżazzjoni telefonika mas-Sur Peter Paul Attard, huwa ikkonferma li qed joffri l-istess affarijiet li qed joffri t-tieni l-irħas kwotant. Dan wara li ġie mistoqsi ż-żmien sa meta ser jagħmel ix-xogħol huwa ikkonferma li d-data tat-twaħħil tagħhom hija nofs Frar. Għalhekk il-Kunsill qabel li x-xogħol għandu jingħata lis-Sur Peter Paul Attard.

4.3 Offerta FONQ 05/2012: *Non-Slip texture Hardstone Floor Tiles for external use for the publicly accessible roof of the Fontana Local Council Offices*. Is-


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Sindku qal li l-appell ta' din l-Offerta ġie diferit minhajr data fuq talba ta' l-Avukat tal-Kunsill Dr Samuel Azzopardi, peress li ma setgħax jattendi.

4.4 Is-Sindku qal li għat-*toilets* il-ġodda li ser jiffurmaw parti mis-Sala tal-Komunita` hemm bżonn li tinxtara mera`. Il-Kunsill qabel.

4.5 Is-Sindku qal ukoll li hemm bżonn isir bieb tal-injam tad-diviżżjoni għat-*toilets* il-ġodda li jiffurmaw parti mis-Sala tal-Komunita`. Il-Kunsill qabel. Dan ser isir għand is-Sur Ġorġ Attard.

4.6 Il-Kunsill qabel ukoll biex ix-xogħol tat-tkomplija tal-*paving blocks* tal-*playingfield* ta' fuq it-tielet fażi taċ-Ċentru Ċiviku jingħata lill-persuna li poġġiet il-bankina ta' quddiem il-ġaraxxijiet u f'każ illi dan ma jaċċettax, ix-xogħol jingħata lis-Sur Tarcisio Xerri.

4.7 Is-Sindku ippropona ukoll biex jinxtraw żewġ *bolards* għal Wied Siekel għal meta jitlesta l-proġett tat-tqegħid tal-ġebla fuq stil rustiku. Il-Kunsill qabel.

4.8 Inġabru wkoll kwotazzjonijiet u *samples* għat-toilets tas-Sala tal-Komunita mingħand Vella Falzon Ltd, Deluxe Bathrooms u Bubbles. Il-Kunsill għażel is-*sample* ta' Vella Falzon.

4.8 Dwar il-bibien u t-tieqa ta' l-istess toilets, il-Kunsill qabel li x-xogħol għandu jsir minn Aperturi Ltd li hija l-istess ditta li ħadmet ix-xogħol tal-bibien tat-toilets tal-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

4.9 Il-Kunsill qabel li għandu jitqabbad is-Sur Raymond Bonello biex jitwaħħal il-monument tas-sajjieda fuq l-ispazzju miftuħ tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

## 5. <u>Mistoqsijiet</u>

5.1 Is-Sindku staqsa fiex kien wasal ix-xogħol fuq il-*Financial Satements*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-accountant bdiet tghalaq il-kontijiet ta' din is-sena finanzjarja

## 6. <u>Approvazzjoni ta' Kontijiet</u>

6.1 Ċedola ta' pagamenti annessa. Il-Membri lkoll qablu li jsiru l-pagamenti murija fiċ-Ċedola annessa.

## 7. <u>Mozzjonijiet</u>

7.1 Mozzjoni mis-Sindku biex isir Monument ta' tifkira għall-vitmi tan-nar li dan ir-raħal ġarrab: Bħala rikonoxximent tal-Komunita` tal-Fontana lejn id-disa' vittmi mill-Fontana li tilfu ħajjithom waqt ix-xogħol tal-logħob tan-nar matul is-snin, il-Kunsill għandu jwaqqaf mafkar bħala tifkira dejjiema tas-sehem li taw matul is-snin b'risq il-festa tal-Qalb ta' Ġesu li ssir fil-paroċċa tal-Fontana. Dawn il-vittmi tilfu ħajjithom


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

fl-20 t'Awissu 1955, fil- 5, 7 u 8 ta' Settembru 2010 u fl- 4 ta' Novembru 2012. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

**8. Materji Oħra**

8.1 Intbagħtet l-applikazzjoni ta' l-iskema dwar inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2013.

8.2 Intbagħtet l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' Finanzjament ta' Inizjattivi Speċjali 2013. Il-Kunsill applika biex jagħmel bil-madum tal-ġebla tal-qawwi il-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku li jiġi livell maz-zuntier.

8.3 Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv attendew għal-stedina f'Kastilja mal-Prim Ministru fejn ġew imwegħda l-ammont ta' €1,750 taħt l-iskema ta' finanzjament għar-restawr ta' postijiet storiċi f'lokalitajiet żgħar. Din hija regolata min MEMO 122/2011. Ser tiġi restawrata in-niċċa tal-Kunċizzjoni li qegħda fil-bidu ta' Triq il-Għajn.

8.4 Inxtara l-ktieb 'Glossarju ta' Termini Kummerċjali mill-inliż għal-Malti' li kiteb is-Sur Godwin Ellul li huwa għalliem f'dan il-qasam.

8.5 Il-Kunsill irċieva l-ammont ta' €42.50 mill-Kunsill Malti għall-Isport li huma 25% tal-ammont li intefaq taħt l-iskema Inizzjattivi Sportivi tal-2011.

8.6 Intbagħtet invoice kif ġie mitlub mill-Water Services Corporation tat-trenching li għamlet fl-2009. Dan kien jammonta għal €1,450.

8.7 Il-Kunsill irċieva r-renewal tal-Health Insurance policy li trid tiġi imġedda sal-aħħar tax-xahar id-dieħel, jifieri Jannar 2013. Il-Kunsill qabel.

8.8 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-*time-off* ta' Diċembru tas-Sur Joe Mercieca il-ħaddiem tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali assenjat ma' dan il-Kunsill. Dan jammonta għal-23.30 f' termini ta' siegħat u qed jitressaq għal-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel. Dawn huma bħas-soltu ta' ħinijiet li ħadem wara l-ħin tax-xogħol tiegħu.

8.9 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ukoll għal-approvazzjoni l-*vacation leave* tiegħu u tas-Sur Joe Mercieca li ma ġewx użati fl-2012 u biex dan jiġi trasferit għas-sena d-dieħla. Dawn jammontaw għal-146.25 u 151 rispettivament. Il-Kunsill qabel.

8.10 Il-Kunsill bagħat ittra lis-Sur George Borg, wieħed mill-propjetarji tal-Fond li jinsab kantuniera bejn Triq Għajn Tuta u Triq il-Għajn kif kien maqbul fil-laqgħa preċedenti biex jitneħħa l-periklu li jista jkun hemm għar-residenti tal-Fontana.

8.11 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv attenda laqgħa f'Malta organizzata min rappreżentanti mill-Kunsill tal-Ewropa fuq metodoloġija parteċipattiva u kollaborattiva li l-miri tagħha hi l-koeżjoni soċjali, definita bħala l-kapaċita`tas-soċjeta` biex tipprovdi l-benesseri għal kulħadd, inkluż il-ġenerazzjonijiet futuri permezz tal-ko-responsabilta` tal-partijiet pubbliċi u privati.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

8.12 Waqt ix-xogħol fuq il-bini tat-triq ix-Xlendi f'tarf ta' Wied Siekel nstabet mina oħra tal-ilma li jidher li ilu mitluf snin kbar. Saret laqgħa mal-perit responsabbli` u d-Direttur Ġenerali fil-Ministeru t'Għawdex dwar kif ser jsir ix-xogħol biex dan l-ilma ma jibqax mitluf u minflok jiġi iddireġut għal-Għajn il-Kbira. Attendew is-Sindku, il-Kunsillier Lorry Apap u l- Aġent Segretarju Eżekuttiv.

8.13 Sar l-*interview* għall-ħatra ta' skrivan għall-uffiċju tal-Kunsill taħt l-iskema ta' inklużjoni fil-komunita` ta' persuni b' diżabilita`. Intgħażlet is-Sinjorina Christine Fenech. Il-membri tal-Bord kienu is-Sindku , l-kunsilliera Lorry Apap u Horace Micallef u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Hi bdiet taħdem mall-Kunsill b'effett mis-17 ta' Diċembru 2012

8.14 Tlestiet il-bankina li mill-uffiċċju tal-Kunsill tasal sal-*Playingfield*. Din saret minn fondi ta' l-iSkema ta' aċċessibilita` maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Sar ukoll ħajt tal-gagazza.

8.15 Sar it-tiżjin tal-Milied u għal-ewwel tas-Sena, fit-toroq John Gaspard Le Merchant u Kardinal Alessandro Franchi. Għal dan il-għan inxraw ħdax il-arblu kif kien propost fil-laqgħa tal-Kunsill preċedenti biex jintrema` t-tiżjin tad-dawl magħhom. Sar ukoll it-tiżjin f' parti min Triq il-Għajn mil-knisja Parrokjali sa ħdejn Triq il-Kappillan Ġużepp Hili.

8.16 Fl-okkażżjoni tal-Milied sar ukoll it-tqassim tal-ikla lil dawk l-anzjani li jgħixu waħedhom. Tqassmu 32 mis-Sindku u l-kunsillier is-Sur Horace Micallef

8.17 Saret ħarġa Soċjo-Kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta. Żorna l-Monti tal-Mosta, l-Belt Valletta kif ukoll *Christmas Village* u l-*Animal Pet Farm* f'ta' Qali. Attendew 39 Persuna fosthom is-Sindku u l-kunsillier Horace Micallef.

8.18 Beda ix-xogħol ta' tqegħid tal-madum fil-faċilitajiet sanitarji li qed jsiru għas-Sala tal-Komunita` li jagħmlu parti mil-binja tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

8.19 Tlesta x-xogħol tal-bini tat-tielet fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

8.20 Inxtraw fanali biex jitwaħħlu fit-taraġ li hemm fit-tarf ta' Triq ta' Mulejja.

8.21 Il-Kunsill qabel ukoll li l-laqgħa tal-Komunita` għandha issir il-Ħadd 13 ta' Jannar 2013 fid-9.15 a.m.

8.22 Is-Sindku ippropona u l-Kunsill qabel biex isir fuljett li jkopri l-ħidma tal-Kunsill tull din il-leġislatura biex jitqassam lir-residenti.

8.23 Is-Sindku ippropona li ssir ħarġa madwar Għawdex kif ukoll *snack* u cafe' fil-Lukanda Calypso. Il-Kunsill qabel. Dan is-*snack* u l-café sar mill-fondi tal-Kunsill peress li ma sarx ir-riċeviment anwali ta' Jum il-Fontana.

8.24 Twaħħal wieħed mit-tlett fanali fi Triq il-Għajn. Dan il-fanal kien inxtara meta kienu saru l-fanali l-ewwel darba fl-istess triq.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

## 9. Ġieħ il-Fontana 2012

9.1 F'okkażżjoni ta' l-għoti ta' Ġieħ il-Fontana, il-Kunsill qabel li jsiru l-attivitajiet kif isir is-soltu f'Jum il-Fontana. Reġgħet ukoll ġiet ikkonfermata d-data ta' din l-okkażżjoni, jiġifieri fid-29 ta' Jannar 2013. Kullma sar huwa l-quddiesa ta' radd il-ħajr li ġiet offuta għal ruħ il-vittmi tal-kamra tan-nar is-Sur Ġużepp Cini u s-Sur George Gatt.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.15p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-30 ta' Jannar 2012, fil-5.30p.m.

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Louis Stefan Magrin | Saviour Borg |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555